ŻEBBUĠ

**<u>MINUTI</u> tas-Seduta Nru. 31/09**

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Zebbug**

**Data: Il-Hamis, 12 ta' Frar 2009**

**Hin: Fit-8.00 ta' filghodu**

**Prezenti ghall-laqgha:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Vici Sindku**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Ezekuttiva.**

Il-Kunsilliera s-Sur Joseph Camilleri u s-Sur Harry Debono kienu skuzati.

Ippresjeda l-laqgha s-Sindku Carmelo Saliba.

Intqalet talba mis-Sindku u nghata bidu ghall-laqgha.

## Approvazzjoni tal-Minuti 30/09

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 30/09 gew cirkulati minn qabel, dawn gew meqjusa bhala moqrija.

Is-Sindku talab ghal xi korrezzjonijiet li setgha kien hemm ghall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet ghall-minuti.

Is-Sindku talab ghall-approvazzjoni tal-minuti kif ipprezentata u staqsa ghal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minhabba li kien jidher li kulhadd kien favur, dawn il-minuti gew approvata u ffirmata.

## Punti li johorgu mill-minuti 30/09

Is-Sindku qal li l-attivita` tal-karnival ser issir it-Tnejn peress li l-kantant Freddie Portelli ma jistax is-Sibt.

Dwar il-hinijiet ta' l-ufficcju, gie deciz li ssir tabella bil-hinijiet.

Il-Kunsillier Refalo qal li t-triq faccata ta' Mena Estate fi Triq ir-Rabat giet imblukkata bil-gebel. Il-Kunsill iddecieda li jghaddi r-rapport lill-Kumitat Kongunt tal-LES.

Il-Kunsill approva:-

(i) li ghal granet tar-Randan, jaghmel salib kbir tal-injam u tal-hadid fi Pjazza l-Assunta (jaghmlu x-xoghol tal-Kumitat ta' l-Armar).
(ii) x-xiri ta' *microwave* u *heater* ghall-*boardroom.*

## korrispondenza

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:-

Inqara komunikat tal-Perit Scerri dwar il-kisi ta' sqaq fi Triq Ghajn Mhelhel. Gie maqbul li ssir stima tax-xoghol.

Ittra mibghuta mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fejn il-Kunsill gie nfurmat li l-applikazzjoni tieghu ta' Triq il-Knisja kienet rifjutata. Is-Sindku qal li fil-post hemm sigar ta' l-akacja u li qed ikunu ta' hsara ghat-tfal ta' l-iskola. Il-Kunsill iddecieda li jappella mid-decizjoni tal-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

Talba mill-Parrocca u s-Socjeta` Filarmonika Santa Marija ghal xiri ta' *camera* tar-ritratti. Il-Kunsill irrifjuta t-talba – organizzazzjonijiet mhux inkluza fit-Tmien Skeda.

Ittra tas-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said dwar il-partecipazzjoni tal-Kunsill fil-Kampanja favur l-uzu ahjar tal-energija. Il-Kunsill qabel li jippartecipa f' din il-kampanja.

Ittra mibghuta mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar attivita` li ser issir mit-Taqsima ghall-Promozzjoni tas-Sahha msejha 'Get Malta Moving'. Il-Kunsill qabel li jippartecipa f' din l-attivita`.

Korrispondenza tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u l-Kunsill Malti ghall-Isport dwar l-iskema inizzjattivi sportivi. Il-Kunsill qabel li japplika ghal fondi taht din l-iskema.

Ittra mibghuta mill-Ufficjal Awtorizzat tal-Kumitat Kongunt tal-LES dwar infurzar lokali relatat mat-tindif. Is-Sindku qal li hemm zewg vetturi abbandunata fil-wied maghruf Ta' Klajru.

Ittra mibghuta mis-Segretarjat Parlamentari ghad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni dwar il-Qortin fix-Xaghra u r-rimi ta' vetturi abbandunati u materjal iehor tal-hadid.

Ittra ta' l-Awtorita` dwar it-Trasport dwar bankina (rampa ta' garaxx) minghajr il-permess ta' l-Awtorita` dwar it-Trasport fi Triq Skapuccina.

Ittra mibghuta mill-Kor Gaulitanus dwar il-festival ta' muzika Gaulitana.

**Applikazzjoni ghal permess tal-Kunsill Lokali**

| | **Decizjoni mehuda mill-Kunsill Lokali** |
| --- | --- |
| Kenneth Cutajar ta' L' Aragosta Restaurant Biex jaghmel tombla fuq il-*promenade* ta' Marsalforn mill-20 sa l-24 ta' Frar 2009. | Applikazzjoni rifjutata<br>- ma jinghatawx permessi lill-entitajiet privati fuq il-*promenade*.<br>- it-tip ta' attivita` fl-applikazzjoni li saret mal-Kunsill hi differenti minn dik indikata lill-Pulizija. |

**IR-RAPPORT FINANZJARJU TAT-TLETT XHUR**
**LULJU – SETTEMBRU 2008**

Il-Kunsill iddiskuta r-rapport finanzjarju tat-tlett xhur, ghax-xhur Lulju – Settembru 2008, it-tieni kwart tas-sena.

Il-Kunsill approva r-Rapport.

## Komunikazzjonijiet mill-kunsilliera

Is-Sindku qal l-i*script* tal-Musical 'Gheruqna' huwa lest.
Dan il-Musical se jittella' fis-16 ta' Awissu 2009.
Is-Sindku qal is-Segretarju Parlamentari ghad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni se jaghtina €7,000 ghal dan il-Musical u ser issir applikazzjoni taht il-programm Youth ta' l-Unjoni Ewropeja. Is-Sindku qal nistghu mmorru bil-progett tal-Musical ghand is-Segretarjat Parlamentari tat-Turizmu, il-Ministeru ghal Ghawdex u l-Ministeru tal-Finanzi (mill-Good Causes Fund).

**IL-PROGRAMM TA' L-UNJONI EWROPEJA LEADER**

Is-Sindku qal il-programm Leader jinkorpora fih fosthom il-bini ta' gebel tas-sejjieh.

Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li f' dan l-istadju jsiru applikazzjonijiet mal-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar biex innaddfu l-wied ta' Klajru u l-gibjuni u l-wied ta' Marsalforn u nibnu l-hitan imwaqqghin.

Il-Kunsillier Refalo staqsa dwar ir-risposta ta' l-Awtorita` dwar it-Trasport fir-rigward tal-bankina fi Triq il-Port.

## Approvazzjoni tal-kontijiet

**Dawn il-pagamenti gew approvata:-**

*Cards* tal-*mobile phones* tal-Kunsillieri (The Majestic) €150.00
Il-kisi bit-tarmak ta' parti minn Triq il-Qbajjar u xoghlijiet ohra relatata
(Road Construction Co Ltd) €63,502.28
*Contract Management fee* – il-kisi bit-tarmak ta' parti minn
Triq il-Qbajjar u xoghlijiet ohra relatata (il-Perit Edward Scerri) €3,342.23
Traqqiegh bil-*cold asphalt* fi Triq Habel it-Twil (Joseph Cefai) €1,101.50
Traqqiegh bil-konkos fi Triq tac-Caqra (Joseph Cefai) €1,771.93
Traqqiegh bil-konkos fi Triq tal-Kanun (Joseph Cefai) €453.39
*Contract Management fee* – traqqiegh ta' diversi toroq
(il-Perit Edward Scerri) €175.09
Traqqiegh bil-konkos fid-Dahla ta' Kuljat (Joseph Cefai) €963.34
Tiswija ta' rampa fi Triq ix-Xaghra (Joseph Cefai) €131.62
Tiswija ta' bankina fi Triq Lapsi (Joseph Cefai) €36.91
Traqqiegh bil-*cold asphalt* fi Triq tal-Hluq (Joseph Cefai) €665.53
Xoghlijiet bil-konkos fi Triq is-Saghtrija (Joseph Cefai) €135.11
Xoghlijiet bil-konkos fi Triq tal-Hluq (Joseph Cefai) €153.30
*Contract Management fee* – diversi xoghlijiet
(il-Perit Edward Scerri) €109.78
Servizz tal-*Wide Area Connectivity* – Jannar – Marzu 2009
(MITA) €477.58
Konsum u kera tal-linji tat-telefons (GO) €227.44
Spejjez tal-ufficcju (Smart Office Supplies Ltd) €88.54
Permess tal-pulizija attivitajiet gewwa Marsalforn
(rimborz lis-Sindku Carmelo Saliba) €16.31
Servizz ta' pulizija – attivita` 'Arti, Fidi u Kultura'
(rimborz lis-Sindku Carmelo Saliba) €19.13
*Fuel* – Laqgha mal-President ta' Malta, Valletta
(is-Sindku Carmelo Saliba) €25.00
*Fuel* u *snack* – MEPA, progett ta' Triq il-Knisja
(is-Sindku Carmelo Saliba) €34.05
*Fuel* – Seminar dwar Lokalitajiet Sostenibbli, Dar il-Mediterran ghall-Konferenzi
(is-Sindku Carmelo Saliba) €25.00
*Fuel* u biljett tal-vapur – Dipartiment ghall-Gvern Lokali
(Joseph Camilleri) €33.15
Librara – servizzi ta' Jannar 2009 (Joanne Grima) €44.72
Gazzetta tal-Gvern ghas-sena 2009 (Dipartiment ta' l-Informazzjoni) €172.37
Tindif ta' l-ufficini tal-Kunsill – Jannar 2009
(Salvina Bajada) €50.10
Applikazzjonijiet ghal twahhil ta' lampi godda fiz-Zebbug u Marsalforn
(Galea Curmi Engineering Consultants) €384.75
Dokumenti ta' l-offerta – provista ta' lampi dekorattivi ghal Triq il-Wied
(Galea Curmi Engineering Consultants) €1,044.06
Dokumenti ta' l-offerta – provista ta' lampi dekorattivi ghall-Menqa
(Galea Curmi Engineering Consultants) €550.00

| | |
|---|---|
| Supervizjoni u certifikazzjoni – sistema gdida ta' dwal fi Triq il-Knisja (Galea Curmi Engineering Consultants) | €456.78 |
| Servizzi ta' Inginier – twahhil ta' fanali fl-*area* ta' Taht ix-Xifer (Galea Curmi Engineering Consultants) | €165.83 |
| *Contract Manager fee* – Dicembru 2008 (Galea Curmi Engineering Consultants) | €95.93 |
| Tindif u zamma tal-latrina pubblika taz-Zebbug – Jannar 2009 (Nancy Cefai) | €143.84 |
| Tindif u zamma tal-*playing field* u l-*promenade* tal-Qbajjar – Jannar 2009 (John Zammit) | €417.31 |
| Gbir ta' sigar mqaccta mill-*promenade* tal-Qbajjar (John Zammit) | €100.00 |
| Gbir ta' l-iskart domestiku u tbattil u tindif ta' l-i*skips* – Jannar 2009 (Louis Attard) | €4,056.05 |
| Provista ta' gebel (Louis Attard) | €245.32 |
| Kiri u tbattil tal-*bins* tal-*bring-in site* – Dicembru 2008 (WasteServ Malta Ltd) | €296.59 |
| Servizz ta' banda – attivita` 'Arti, Fidi u Kultura' (Socjeta` Filarmonika Santa Marija) | €932.00 |
| Kotba – *party* tat-tfal (Miller Distributors Ltd) | €164.86 |
| Xoghlijiet fuq il-wirja li saret f' Marsalforn (Gozo Arts) | €235.00 |
| Ritratti – wirja ta' Marsalforn (Captured Memories) | €205.20 |
| Kejkijiet – Jum iz-Zebbug 2008 (Mezzan Bakery Ltd) | €336.00 |
| Tabelli u mera tat-traffiku (Raphael Refalo) | €677.47 |
| Statwa tal-Madonna (Maymuna's Garden Centre) | €140.85 |

Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li din l-istatwa titpogga fuq il-plier tal-Wied tas-Salve Regina, Triq iz-Zebbug.

| | |
|---|---|
| Ikel – laqgha mal-Kunsill Lokali Mqabba (Joe Bajada) | €75.00 |
| *Updating* tal-*website* tal-Kunsill Lokali (Philip Cassar) | €660.00 |

## Karnival 2009

Il-Kunsill ftiehem li l-marc mill-Banda jibda mid-dahla tar-rahal u jdur minn Triq l-Ghazziela. Il-Kunsill approva l-programm ta' l-attivita` tal-karnival.

Il-Kunsill approva x-xiri ta' zebgha ghall-*beach cleaners* biex jizbghu r-*railings* (il-*water paint* ma tinxtarax qabel l-Ghid).

Dwar ilment 100/2008 – il-Kunsill approva li titwahhal lampa gdida mar-residenza John Mary fi Triq Ghajn Mhelhel kantuniera ma' Triq Zaqi.

Il-laqgha ntemmet fl-10.30 ta' filghodu. Il-Kunsill Lokali ftiehem li laqgha ohra tinzamm nhar it-Tlieta, 3 ta' Marzu 2009 fit-8.30 ta' filghodu.

**Carmelo Saliba CLJ**
***Sindku***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Ezekuttiva***